MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 224/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Cutajar talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Mejju 2004 u fix-xhur ta' qabel:

(1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-

President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

(2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni u esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti msemmija, liema droga nstabet f’cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(3) Fl-istess lok, hin u cirskostanzi kkommetta l-imsemmija reati kriminali fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-4 ta’ Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Anthony Cutajar hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni minghajr l-aggravju tad-distanza u kkundannatu ghal piena ta’ sena prigunerija u ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt liri Maltin (Lm500) liema multa tista’ tithallas b’rati ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) fix-xahar bl-ewwel pagament isehh mhux aktar tard minn erba’ gimghat mid-data tas-sentenza. Fin-nuqqas ta’ hlas ta’ xi pagament, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa tibqa’ mhux imhallsa, allura din ghandha tinbidel f’jum prigunerija ghal kull hames liri Maltin (Lm5) mhux imhallsa. L-imsemmi Anthony Cutajar gie wkoll ikkundannat ghall-hlas lir-Registratur tas-somma ta’ mija u

dsatax-il liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm119.18) bhala hlas ta' l-espert mahtur mil-Qorti. Inoltre giet ordnata d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Anthony Cutajar ipprezentat fit-8 ta' Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li mhux hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberah mit-tieni imputazzjoni u fin-nuqqas taghti piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti rizultanti; (2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena mhix wahda ekwa u gusta.

L-ewwel aggravju jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** imbagħad naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury**

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, skond l-appellant, minkejja li l-ewwel Qorti kienet konvinta li huwa kien hati ta' l-ewwel imputazzjoni, hija lliberatu ghaliex ma kienx hemm provi sufficjenti. Jigifieri l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-prosekuzzjoni ma resqitx bizzejjed provi sabiex issibu hati ta' traffikar ta' droga, u dan ghaliex ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni ma kienx bizzejjed biex issib il-htija. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ghamlet sew li skartat ix-xiehda ta' dan ix-xhud, izda ma setghetx tkompli jkollha *'a hunch'* jew ikollha *'sixth sense'* dwar l-appellant biex issib htija fuq it-tieni imputazzjoni. L-appellant imbaghad ikompli: *"Il-fatt li l-Qorti hasbet li l-appellant kien hati izda ma kienx hemm provi ghal dan, ihasseb l-appellant li fil-gudizzju tal-Qorti*

*kienet aktar akkuzatorja milli dik gudizzjarja. Dan il-forma mentis tal-Qorti tinkwieta l-appellant ghaliex fl-opinjoni tieghu kien l-uniku raguni ghaliex instab hati fit-tieni akkuza."*

L-appellant jghid illi huwa ammetta l-pussess semplici u mhux dak aggravat. Jghid illi l-ammont li sabu l-Pulizija jservieh ghal jumejn biss u ghalhekk huwa plawsibbli illi jkollu fuqu 3.47 grammi ta' eroina jekk hu persuna dipendenti fuq id-droga u jiehu ammonti sostanzjali. Skond l-appellant, il-verzjoni li ta hija mhux biss kredibbli izda fl-ahjar ipotesi ghalih huwa ferm probabbli li l-fatti graw skond kif irrakkonta hu u dan il-grad ta' prova huwa bizzejjed biex jigi liberat. Jinsisti li l-ammont misjub mill-Pulizija huwa l-konsum tieghu ghal jumejn. Inoltre jghid illi huwa kien fil-kumpanija ta' persuna ohra, Nadia Axiaq, li ghandha jew kellha problema ta' droga, u tkun haga ragunata li hi tkun fil-pussess ta' droga, anke ta' l-istess tip. Li l-appellant kellu jkun jaf b'dan hija biss ipotesi. Wara kollox sa fejn jaf hu ma ttehdux passi kontra l-imsemmija Axiaq minkejja li hu indikaha bhala l-persuna li gabet id-droga fil-karozza.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li ngabu quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll ezaminat bir-reqqa s-sentenza appellata. Ghandu jinghad mill-ewwel illi l-fatt li l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni ta' traffikar ma jfissirx illi ma setghetx issibu hati ta' l-imputazzjoni ta' pussess aggravat. Fl-imputazzjoni ta' traffikar ta' eroina irid jirrizulta xi att li jikkostitwixxi "traffikar" skond id-definizzjoni kontenuta fl-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-imputazzjoni ta' pussess aggravat il-prosekuzzjoni trid iggib prova jew provi li jissodisfaw lill-Qorti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Naturalment din mhix kwistjoni ta' *"hunch" jew "sixth sense"* izda ta' provi rizultanti. Prova ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed.[2]

[2] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Carmel Degiorgio**, 26 ta' Awissu 1998.

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti ma bbazatx il-konkluzjoni ta' htija taghha fuq *"hunch"* jew fuq *"sixth sense"* izda fuq dak li rrizultalha mill-gbir tal-provi. Barra minn hekk hija kelha l-opportunita` li tara u li tisma' lix-xhieda. Kellha ghalhekk l-opportunita` li tqis l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess, kif ukoll li tikkunsidra jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u c-cirkostanzi kollha tal-kaz (artikolu 637 tal-Kap. 9). Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, wara li kienet ghaddiet in rassenja l-provi kollha, qalet hekk dwar it-tieni imputazzjoni, cioe` dik dwar pussess aggravat:

"Il-Qorti wissiet lill-imputat li kien bil-gurament ghaliex kien jidher mill-mod kif kien qed iwiegeb li l-verzjoni tieghu ma setghetx titwemmen. Il-karozza kienet ta' l-imputat u ammetta li kien rema barra l-qratas. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat, sid il-karozza, ma jkunx jaf li fil-karozza ghandu borza bl-eroina b'aktar minn tliet grammi fiha, l-aktar li jekk, skond hu, huwa drug addict. L-anqas ma tista' tifhem kif il-kompozizzjoni tad-droga – bejn dik tal-borza misjuba fil-karozza u bejn dik fil-qratas mormija – tista' taqbel u l-imputat ma jaf b'xejn jew 'jassumi' li kienet gabet kollox Nadia Axiaq. U dan meta l-espert imqabbad mill-Qorti sab li kien hemm ukoll 'mechanical fit'. Bir-rispett kollu l-Qorti ma ssibx li l-verzjoni ta' l-imputat hija wahda ta' min joqghod fuqha.

"L-imputat xehed li kien drug addict. Il-Qorti ghandha l-kelma tieghu biss u xejn aktar. Izda kif diga` ntqal mill-Qrati taghna, ma jfissirx li ghax wiehed huwa drug addict, allura dan ma jkollux pussess aggravat jew li ma jispaccjax. L-ammont misjub huwa wiehed konsiderevoli – 3.397 grammi eroina huma hafna u ma jintrabtux ma' uzu personali kif gib u lahaq. Ma' dan kien hemm il-karti mqattghin proprju minn oggetti li jappartjenu lill-imputat u zewg qratas bl-istess ammont ta' piz: 0.038 u 0.0339 **[*recte:* 0.039]**. L-eroina kienet ta' l-imputat u ta' hadd aktar; l-ammont huwa serju; it-tqassim taghha juri li din kienet ghall-ispaccjar u l-Qorti ghandha prova bizzejjed quddiemha li l-pussess ta' l-eroina ta' l-imputat ma kienx wiehed semplici izda wiehed aggravat."

Ix-xiehda ta’ Mario Zammit ma hi ta’ ebda rilevanza ghat-tieni imputazzjoni u fil-fatt, kuntrarjament ghal dak li ssottometta l-appellant, l-ewwel Qorti ma rreferietx ghal dik ix-xiehda meta ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar it-tieni imputazzjoni.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tax-xiehda ta’ l-appellant, hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kellha ragun ma tqisx verosimili l-verzjoni li ta l-appellant. L-appellant jghid illi z-zewgt iqratas li l-Pulizija rawh jarmi ma’ l-art kienet gabithom Nadia Axiaq u kienu se jmorru jehduhom. Mistoqsi mid-difensur tieghu stess: *“Issa inti ghidt li mort ghal Nadia u taghtek dawn iz-zewgt iqratas, hux hekk?”* l-appellant wiegeb: *“Mhux tathomli. Ftehmna biex immorru nehduhom.”* Jekk ma kenitx tathomlu, kif spiccaw f’idejh galadarba qieghed jammetti li remihom hu? Il-prosekutur fil-fatt saqsieh x’kien l-iskop li kien qieghed izommhom f’idejh u r-risposta tieghu kienet: *“Kienu zewgt iqratas zghar u facli jintilfu, qed tifhem. Kont qed inzommhom f’idejja.”* Din ir-raguni hija ghal kollox inattendibbli u li ma tasalx biex tikkonvinci lanqas sal-grad tal-probabbli. L-appellant u Nadia Axiaq ma kinux waqfu bil-karozza biex juzaw l-eroina li kien hemm fiz-zewgt iqratas in kwistjoni meta nqabbdu mill-Pulizija izda kienu qeghdin fi Triq Bormla, il-Fgura fejn l-appellant kien qieghed ikellem lil huh Stephen Cutajar. Galadarba ma kinux weqfin biex juzaw l-eroina, ma jaghmilx sens illi l-appellant joqghod izomm f’idejh l-imsemmijin zewgt iqratas biex ma jintilfux meta dawn setghu jibqghu jinzammu minn Nadia Axiaq sakemm jaslu fil-post ghalihom idoneju sabiex juzaw dik l-eroina.

Barra minn hekk, fil-karozza ta’ l-appellant instab pitazz b’faccati mqatta’, manwal ta’ karozza tal-marka Ibiza b’faccata mqatta’ u zewg bicciet karti ta’ pitazz. L-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud sab li kien hemm *mechanical fit* bejn il-karti taz-zewgt iqratas u faccata mqatta’ tal-pitazz. L-appellant jaghmel biss tentattiv fjakk biex jipprova jmeri l-konkluzjoni peritali billi jghid illi *“huma t-tnejn karti ta’ pitazz”*, li *“mhumiex l-istess karta”* u li huma *“l-istess tip ta’ karti imma mhux jimmeccjaw”*. <u>Fl-ebda</u>

waqt pero` ma jichad li d-dokumenti msemmija kienu tieghu.

Fix-xiehda tieghu l-appellant cahad li l-borza li nstabet fil-karozza tieghu u kontenenti l-eroina kienet tieghu. Issa t-total ta' eroina li nstabet fil-borza u fiz-zewgt iqratas kien ta' 3.474 g. Meta saret it-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti, u liema trattazzjoni tinsab traskritta, jirrizulta illi kien hemm dikjarazzjoni cara mid-difensur ta' l-appellant illi dak l-ammont ta' droga ghal min hu dipendenti mid-droga bhalma hu l-appellant mhuwiex ammont sostanzjali u jifhem *"li f'jumejn jehodhom dawn"*. Fir-rikors ta' appell hemm imbaghad ammissjoni carissima li d-droga kollha li nstabet kienet ta' l-appellant: *"L-ammont li sabu l-pulizija jservieh ghal jumejn biss. B'hekk huwa plawsibbli li l-appellant ikollu fuqu 3.47 grammi ta' eroina jekk hu persuna dipendenti fuq id-droga u jiehu ammonti sostanzjali."* Ghalkemm mhuwiex eskluz li l-appellant stess kien jabbuza mill-eroina – ghalkemm dwar dan m'hemm l-ebda prova salv dak li xehed l-appellant stess – ma jfissirx li min jabbuza ma jistax ikollu fil-pussess tieghu droga li ma tkunx ghall-uzu esklussiv tieghu.[3]

Ghalhekk, ikkunsidrati n-nuqqas ta' kredibilita` ta' l-appellant, l-osservazzjonijiet hawn fuq maghmula u l-konsiderazzjonijiet kollha ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti hi tal-fehma li mill-assjem tal-provi l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li d-droga li nstabet fil-pussess ta' l-appellant ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant fuq il-mertu ma jreggix u qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li jqis bhala mhux wahda ekwa u gusta.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra

---

[3] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 6 ta' April 2005.

mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[4].

Skond l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ghar-reat hawn in kwistjoni – cioe` ta' pussess ta' droga mhux ghall-uzu esklussiv tal-persuna – hi ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87). Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi decizivament entro l-parametri tal-ligi, anzi vicin sew il-minimu. Mill-fedina penali ta' l-appellant imbaghad jidher *prima facie* li huwa nghata bosta opportunitajiet biex jirriforma ruhu – *conditional discharge* erba' darbiet, *probation* tliet darbiet u sentenza sospiza ta' prigunerija darbtejn – u dan apparti kazijiet ohra fejn gie kkundannat ghall-hlas ta' *ammenda* jew *multa* u tliet kazijiet fejn anke nghata sentenza ta' prigunerija. L-appellant ma jidhirx li tghallem mill-izbalji tieghu u l-anqas ma pprevalixxa ruhu mid-diversi opportunitajiet li nghata mill-Qrati biex jaqbad it-triq tar-rijabilitazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni sabiex tvarja l-piena nflitta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------